MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2012

Numru. 1026/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Anthony Portelli**
**vs**
**Gary Mifsud**
**Mario Zammit**

Il-Qorti,

Rat li l-imputati Gary Mifsud ta’ 25 sena, iben Anthony u Antonia nee’ Borg, imwieled Pieta’ nhar it-02 ta’ Frar 1985 u residenti Binja K, Ent D Flat no. 6 Qasam tal-Bini tal-Gvern, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 110285(M) u l-imputat Mario Zammit ta’ 24 sena, iben Sergio u Theresa nee’ Abela, imwieled Pieta’ nhar l-10 ta’ Lulju 1986 u residenti no. Blokk J, Flat no. 5 Qasam tal-Bini tal-Gvern, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 309586(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

1. Gewwa Qasam Industrijali Kordin, Rahal Gdid nhar it-30 ta’ Gunju 2010 ghall-habta ta’ 4:30pm, bil-hsieb li

jaghmlu delitt, u cioe' serq ta' cables minn gewwa l-power station l-antika li tinsab fil-Qasam Industrijali ta' Kordin, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jeccedi 2,329.37 euro u kkwalifikat bil-mezz, u dan sar ghad-detriment ta' dirigenti ta' l-Enemalta Corporation u/jew persuni ohra;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassru ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' hsara fil-cables, liema hsara tiskorri 1,164.69 euro, u li saret ghad-detriment ta' l-Enemalta Corporation u/jew persuni ohra;

Fil-konfront ta' Gary Mifsud wahdu, l-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija titratta lil imputat bhala li sar recediv ai terminu tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa gie misjub hati permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, Magistrat Dott. Lawrence Quintano LL.D., nhar it-18 ta' Frar 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 9 ta' Gunju 2011 (esebita a fol. 130 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

Fil-konfront ta' **Gary Mifsud** u **Mario Zammit :-**

(1) Fl-Artikoli 41(1)(a), 261(b) (c), 263, 267, 278, 279, 280, 198, 201(b), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(2) Fl-Artikoli 325 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
(3) Fl-Artikoli 17, 18, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Fil-konfront ta' **Gary Mifsud wahdu** :-

(a) Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tal-21 ta' Lulju 2011, l-imputati ddikjaraw li huma m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz

taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat :

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fit-30 ta' Gunju 2010 ghall-habta tad-9.10pm dahal rapport l-Ghassa ta Rahal il-Gdid minn PC 353 li kien stazzjonat l-isptar Mater Dei fejn gie rrapurtat li kienu dahlu zewg persuni, li wara rrizulta li kienu z-zewg imputati fil-kawza odjerna, qed isofru minn hruq estensiv. Meta l-Pulizija tkellmet mal-imputat Mario Zammit huwa qal lill-Pulizija li ghall-habta tas-7.30pm huwa flimkien ma Gary Mifsud kien mar fil-Power Station tal-Enemalta gewwa Kordin sabiex jaqtghu u jiehdu xi cables ghar-ram li kien hemm fihom meta hin minnhom hareg ilsien nar ghalihom u haraqhom it-tnejn. Mill-provi rrizulta li fil-post instabu hydraulic cutter u megger[1]. Meta xehed Mario Sultana, ir-rapprezentant tal-Enemalta waqt l-udjenza tas-7 ta' Jannar 2011, huwa spjega li fit-30 ta' Gunju 2010 kien inqata' high tension cable u l-hsara kagunata kienet tammonta ghal elf sitt mija u hames ewro u ghaxar centezmi (€1605.10). Huwa qal li mar mill-ewwel fuq il-post sabiex jara xi hsara kien hemm u wara ghamel l-istima tal-hsara u spjega li l-gate ta' barra kienet maghuqa bil-katnazz filwaqt li l-gate li taghti ghax-shelter kienet miftuha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati t-tnejn irrilaxxjaw stqarrija[2] u dan wara li huma rrifjutaw id-dritt li jkellmu avukat qabel ma rrilaxxjaw l-istqarrija. L-imputat Gary Mifsud cahad li kien dahal fis-substation sabiex jisraq u sostna li huwa kien mar mixja

---

[1] Ritratti tal-post fejn sar l-attentat ta' serq tal-cables u tal-ghodda li nstabu huma nseriti a fol. 7 tal-Process Verbal inserit a fol. 31 tal-atti processwali.
[2] Li jinsabu inseriti a fol. 41 sa 43 tal-atti processwali.

bil-kelb mal-ko-imputat Mario Zammit u meta waslu Kordin hdejn il-ground raw fetha fil-fence u dahlu minnha u gew fi trejqa fejn kien hemm dahla ta' shelter bix-xatba miftuha u huma dahlu fix-shelter u huwa ra lever li kien jaghti ma cable iswed u huwa caqalqu b'saqajh u x'hin ghollieh dan sploda u huwa spicca mal-art fin-nar u wara ftit irnexxielu johorg barra u ra lil Mario Zammit ukoll imwegga u huma imbaghad qasmu f'fabbrika li kien hemm faccata u pruvaw jixxarbu b'pipe izda imbaghad ittiehdu l-policlinic min ragel li kien f'din il-fabbrika u sussegwentement ittiehdu l-Isptar. L-imputat Gary Mifsud qal li huma kienu dahlu hemm ghall-kurzita' u cahad li kienu hadu xi ghodda maghhom u li wegghhu meta marru jaqtghu l-cable bl-ghodda li hadu maghhom. Meta gie rilevat lilu li Mario Zammit kien qed jaghti verzjoni differenti minn dik moghtija minnu huwa rrisponda li ma kienx jaf l-ghala Zammit ken qed jghid affarijiet differenti.

L-imputat Mario Zammit min-naha l-ohra qal li xi xahar qabel it-30 ta' Gunju 2010 huwa kien hdejn il-ground ta' Kordin u ra fetha fil-fence u ghadda minnha. Huwa qal li l-gate ta' barra kienet maghluqa izda meta dahal fil-fetha li kien hemm fil-fence ra l-gate tax-shelter miftuha u meta dahal fix-shelter ra xi ghodda u xi cables maqtughin. Huwa jghid li dakinhar tal-incident kien mar ghal Gary Mifsud id-dar tieghu u qallu sabiex imorru Kordin u hadu l-kelb maghhom. Malli waslu Kordin qallu sabiex jidhlu jiehdu xi cables u Gary Mifsud accetta. Mario Zammit qal li dakinhar il-gate ta' barra kienet miftuha izda huma dahlu mill-fetha li kien hemm fil-fence u mbaghad dahlu mill-gate tax-shelter li wkoll kienet miftuha u meta Gary Mifsud gholla kanna minn mal-art, sploda l-cable u huma t-tnejn kellhom hruq estensiv. Zammit jghid li huma telqu minn fuq il-post bil-mixi u wassalhom ragel anzjan il-policlinic u wara ttiehdu l-Isptar.  Huwa qal li ma hadux ghodda maghhom u li l-cables kienu ser jehduhom ghand wiehed Haz-Zabbar li kien jixtri r-ram.

Ikkunsidrat :

Illi f'dawn il-proceduri l-imputati qed jigu addebitati bl-imputazzjoni ta' attentat ta' serq aggravat bil-valur u bil-

mezz kif ukoll bir-reat ta' hsara volontarja ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta. Il-Qorti jidrilha li mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jirrizulta pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputati accedew fis-substation ta' Kordin sabiex jisirqu l-cables u li huma taw bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma setghax jitkompla ghaliex meta huma bdew jippruvaw jaqtghu l-cable saret spluzjoni u huma kellhom hruq estensiv li impedihom milli jkomplu bl-ezekuzzjoni tad-delitt. Id-Difiza f'dan il-kaz qed issostni li l-post in dizamina kien abbandunat u li l-oggetti li kien hemm kienu res derelicta u ghalhekk l-imputati ma jistghux jinstabu hatja ta' attentat ta' serq. Jibda sabiex jinghad li l-Qorti ma jidrilhiex li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat Gary Mifsud fl-istqarrija minnu moghtija lil Pulizija hija kredibbli ghaliex wiehed difficilment jemmen li z-zewg imputati dahlu f'substation semplicement ghall-kurzita'. Il-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-prezenza taz-zewg imputati fuq il-post, dan jirrizulta mill-istqarrijiet taghhom, u l-Qorti jidrilha li l-prezenza taghhom flimkien mas-sejbien tal-ghodda li nstabu fuq il-post u l-cable li nstab maqgtugh kif ukoll il-hruq estensiv li huma sofrew hija prova inkonfutabbli li huma marru hemmhekk sabiex jisirqu l-cables, kif del resto jammetti l-imputat Mario Zammit fl-istqarrija tieghu, u mhux ghas-semplici kurzita' kif jghid l-imputat Gary Mifsud. Il-Qorti jidrilha li ghalkemm mill-provi rrizulta li l-post kien poorly secured dan ma jfissirx li l-post u l-affarijiet li hemm fih kienu abbandunati jew li wiehed qatt seta' jahseb li kienu hekk abbandunati. Dan jinghad ghaliex ix-xhud Mario Sultana li mar fuq il-post dakinhar stess tal-akkadut sabiex jara l-hsara fil-cable jghid li l-gate ta' barra kienet maghluqa b'katnazz. Inoltre mir-ritratti jidher car li kien hemm hafna cables imqabbdin u ghalhekk wiehed zgur ma setghax jahseb li dawn kienu abbandunati. Irid jigi rilevat inoltre li z-zewg imputati t-tnejn indikaw li huma accedew fil-post minn fetha li kien hemm fil-fence u mhux mill-gate ta' barra. Dan jindika li din il-gate kienet maghluqa bil-katnazz kif indika ix-xhud Mario Sultana u li ghalhekk ma kienx hemm access liberu ghalih u li kwindi l-post ma setghax jidher li kien abbandunat. Id-Difiza ssottomettiet li l-hin indikat fic-charge sheet huwa zbaljat ghaliex filwaqt li fic-charge sheet hemm indikat li l-attentat ta' serq sar ghall-habta tal-

4.30pm mill-provi rrizulta li r-rapport minn PC352 li kien stazzjonat Mater Dei dahal fl-Ghassa ta’ Rahal il-Gdid ghall-habta tad-9.10pm. Il-Qorti jidrilha li ma hemm ebda zball in kwantu jirrigwarda l-hin li fih sehh id-delitt ghaliex mill-provi rrizulta li l-incident sehh sieghat qabel ma sar ir-rapport minn Mater Dei ghaliex kif qalu l-imputati stess fl-istqarrijiet taghhom huma l-ewwel ghamlu certu hin fuq il-post imwegghin, imbaghad mxew sa’ fabbrika fil-Kordin Industrial Estate fejn ppruvaw jixxarbu b’pipe, imbaghad pruvaw icemplu lil xi hadd sabiex iwassalhom il-policlinic izda meta ma setghux jifilhu l-ugieh aktar talbu ragel li kien ghaddej sabiex iwassalhom il-policlinic fejn wara li ttiehdu hemm u inghataw l-ewwel kura giet imsejha ambulanza sabiex huma jittiehdu l–Isptar Mater Dei. Dan jindika li kien hemm trapass ta’ hin sostanzjali mill-hin li fih saret l-ispluzjoni sakemm eventwalment sar ir-rapport minn PC 353 u ghalhekk il-hin indikat mill-Prosekuzzjoni fic-charge sheet jista’ jitqies bhala korrett.

Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova li s-serq kien ser ikun aggravat bil-valur izda mhux bil-mezz. Il-prova tal-valur tirrizulta mix-xhieda ta’ Mario Sultana u mid-dokumenti minnu esebiti ghalkemm il-valur qed jitqies li kien inqas minn elfejn erba’ mija u tletin ewro (€2430) izda aktar minn mitejn tnejn u tletin ewro (€232). Mill-provi ma rrizultax pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li sar xi sgass da parti tal-imputati jew li l-ghodda li nstabu fuq il-post intuzaw sabiex l-imputati jaccedu fuq il-post u ghalhekk il-kwalifika tal-isgass ma tirrizultax pruvata. Il-Qorti jidrilha li kemm l-ewwel (1) kif ukoll it-tieni (2) imputazzjoni jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-ligi fil-konfronti taz-zewg imputati ghalkemm kif ghadu kemm inghad in kwantu jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni tista’ tinstab htija biss in kwantu jirrigwarda l-kwalifika tal-valur izda mhux ghal dik tal-mezz. Il-Qorti izda hija tal-fehma li t-tieni (2) imputazzjoni ghandha titqies bhala mezz ghall-fini tal-ewwel (1) imputazzjoni u li ghalhekk ghandu jigi applikat l-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali.

Ghal finijiet ta’ piena in kwantu jirrigwarda l-imputat Mario Zammit il-Qorti qieset li mill-fedina penali tieghu jirrizulta li huwa first time offender u ghalhekk ma jidrilhiex li

ghandha timponi piena karcerarja effettiva. L-istess haga ma tistghax tinghad ghall-imputat Gary Mifsud li jirrizulta li huwa recidiv u diga' inghata opportunitajiet jirriforma ruhu izda m'gharafx juzufruwixxi minn dawn l-opportunitajiet u ghalhekk l-Qorti jidrilha li fil-kaz tieghu ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati fin-Nota tal-Avukat Generali tad-9 ta' Gunju, 2011 u senjatament l-Artikoli 41(1)(a), 261) (c), 267, 279(a), 325(1)(a), 17, 31, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat Gary Mifsud hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu izda in kwantu jirrigwarda r-reat ta' attentat ta' serq huwa qed jinstab hati limitatament ghall-serq kwalifikat bil-valur u tikkundannah seba' (7) xhur prigunerija.

Wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 261) (c), 267, 279(a),,325 (1)(a), 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat Mario Zammit hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu salv li in kwantu jirrigwarda l-ewwel (1) imputazzjoni huwa qed jinstab hati limitatament ghall-attentat ta' serq kwalifikat bil-valur u tikkundannah hames (5) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' sentejn (2) millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputati sabiex sa zmien xahar minn meta jigu hekk mitluba ihallsu in kwantu ghal nofs kull wiehed mis-somma ta' tliet mija tmienja u ghoxrin ewro u tlieta u disghin centezmu (€328.93) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------